**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI PRELIMINARI NUMRU: 2801**

**Illum 24 ta' Frar, 2022**

Każ Nru: 3982/JD

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Maria Tizziana Balabanov Mizzi
(KI 308486M)

u

Virtu Ferries Ltd (C 11553)

*dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ), FIPD**

Permezz ta' rikors illi sar mir-rikorrenti, Ms Maria Tiziana Balabanov Mizzi, dwar Kwistjoni tax-Xogħol min-naħa tagħha kontra Virtu Ferries Ltd, riċevut mit-Tribunal fid-9 ta' Lulju 2021, ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal a) jiddikjara li l-impjieg tagħha kien itterminat inġustament b) jordna lis-socjetà intimata tħallas lir-rikorrenti kumpens f'somma skont l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta), u c) jordna, *occorrendo*, li d-Deċiżjoni tingħata b'effett retroattiv.

Fl-ewwel seduta tas-smigħ ta' dil-kwistjoni, li saret nhar it-18 ta' Novembru 2021, is-soċjetà talbet li tkun ittrattata l-ewwel minn għadd ta' eċċezzjonijiet preliminari li għamlet l-istess soċjetà. Dan huwa kkonfermat minn paġna 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2022.

It-Tribunal laqa' t-talba.

Dan huwa d-Digriet tat-Tribunal dwar it-tali eċċezzjoni.

**Mertu**

Permezz tad-Dikjarazzjoni tal-każ tagħha, li waslet għand it-Tribunal nhar il-11 ta' Novembru 2021, is-soċjetà esponenti eċċepiet preliminarjament illi:

1. t-Tribunal m'għandux il-ġurisdizzjoni biex jiddeċiedi l-każ peress illi l-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrenti kien irregolat mill-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u l-Liġijiet Sussidjarji u mhux mill-Kap. 452;

2. d-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 36 tal-Kap. 452 ma japplikawx, u dan skont l-Artiklu 39 tal-istess Kap.;

3. anki kieku t-Tribunal kellu ġurisdizzjoni fuq il-każ u kieku d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Artiklu 36 kellhom japplikaw, it-talba għad-danni kkawżati lir-rikorrent minħabba t-temm tal-impjieg tista' ssir biss skont l-Artiklu 36 (11) tal-Kap 452 u mhux l-Artiklu 81(2)(a) tal-istess Kap. u dan minhabba li l-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent kien għal żmien speċifikat; u li

4. r-rikors illi fetaħ il-proċeduri tal-każ huwa impustat b'mod vag, partikolarment fejn ir-rikorrenti tallega li t-temm tal-impjieg kien illegali mingħajr ma tispjega kif, u ma jippermettix lis-soċjetà tagħmel id-difiza tagħha b'mod speċifiku u dettaljat.

5. Ir-rikorrenti sostniet illi kienet taħdem ukoll fuq l-art, u li kienet ingaġġata mal-kumpanija u mhux mal-bastiment; u għamlet xi żmien mingħajr kuntratt. Għaldaqstant it-Tribunal kellu l-kompetenza li jiddeċiedi l-Kwistjoni tax-Xogħol, kif mistqarr f'paġna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2021.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

**a.** Ir-rikorrenti kienet impjegata mas-soċjetà bħala *stewardess* fuq bastiment kummerċjali li jbaħħar barra minn xtutna, taħt il-bandiera Maltija. Għalhekk il-bastiment illi fuqu kienet taħdem ir-rikorrenti kien irreġistrat taħt l-Att dwar il-bastimenti merkantili (Kap. 234). Dan ma ġiex miċħud mir-rikorrenti.

b. Il-Kap. 234, Artiklu 2(1), jgħid illi bastiment *"*(i)fisser kull xorta ta' biċċa tal-baħar li tintuża fin-navigazzjoni" u l-Artiklu 3(1) jiddikjara li, **"**ebda bastiment, barra minn bastiment eżentat mir-reġistrazzjoni, jew bastiment li għalih jirreferi is-subartikolu (7), ma jkollu d-drittijiet u l-privileġġi ta' bastiment Malti jew ikun magħruf bħala bastiment Malti kemm-il darba dak il-bastiment ma jkunx reġistrat skont dan l-Att."

c. Li l-*HSC Saint John Paul II*, il-bastiment illi kienet taħdem fuqu r-rikorrenti, kien jikkwalifika għall-kriterji a. u b., u li allura kien jaqa' taħt il-Kap. 234, ma tqajjem l-ebda dubju mir-rikorrenti.

d. L-istess Kapitlu jiddeskrivi "baħri" bħala "… kull persuna (barra minn kaptani, bdoti u apprendisti) impjegati jew imqabbdin fi kwalunkwe kariga abbord ta' bastiment".

e. Mela r-Rikorrenti, li:
   e.i. kienet impjegata mas-soċjetà bħala *stewardess;*
   e.ii. fil-kuntratt tal-impjieg hija ffirmat illi kienet *seafarer* fuq il-bastiment *HSC Saint John Paul II* u
   e.iii. fil-fatt kienet taħdem fuq bastiment ikkonfermatu wkoll permezz tal-*affidavit* tagħha datat 18 ta' Novembru 2021, fejn fid-deskrizzjoni li tat tax-xogħol illi kienet attwalment tagħmel irreferiet għal, "Lura lejn Malta …", kienet fil-fatt taqa' taħt id-deskrizzjoni legali ta' *"*baħri*".*

f. Rigward il-fatt illi r-rikorrenti kienet impjegata mas-soċjetà u mhux mal-bastiment, il-Kap. 234 ma jiddistingwix bejn li persuna tkun **impjegata** jew illi tkun **imqabbda** (ara d. ta' dal-Kunsiderazzjonijiet) fi kwalunkwe kariga abbord ta' bastiment. U, anki, l-Artiklu 39 tal-Kap. 452 jirreferi għal, "baħrin impjegati **fuq** bastimenti," u mhux "baħrin impjegati **ma'** bastimenti". Għalhekk l-argument illi r-rikorrenti kienet impjegata mas-soċjetà u mhux mal-bastiment ma jbiddel xejn milli l-impjieg tar-rikorrenti kien iggovernat mill-Kap. 234.

g. Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li għamlet xi żmien mingħajr kuntratt tax-xogħol, id-dokument VF2 juri li t-temm tal-impjieg, li seħħ f'Marzu 2021,

u li dwar dax-xahar m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet, liema xahar kien waqt il-ħajja ta' kuntratt tal-impjieg. Għalhekk it-Tribunal jikkonsidra li jekk kien hemm żmien mingħajr kuntratt tax-xogħol ma jbiddel xejn mill-validità li l-impjieg tar-rikorrenti kien regulat mill-Kap 234.

h. L-Artiklu 36 tal-Kap. 452 jinkludi kriterji dwar "raġuni tajba u biżżejjed biex … impjegat jintbagħat … mis-servizz".

i. L-Artiklu 39 tal-Kap. 452 jeżiġi li, "Id-dispożizzjonijiet tal-Artikli 36 (u oħrajn) … ma għandhomx jgħoddu għall-baħrin impjegati fuq bastimenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-bastimenti merkantili; u fil-każ li xi dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att ma jkunux jaqblu mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, għandhom jgħoddu dawk tal-imsemmi Att."

j. Dan l-Artiklu juri li l-leġiżlatur irid illi l-impjieg tal-baħrin ikun irregolat mill-Kap. 234.

**Deċiżjoni Preliminari**

A bażi tal-kunsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà, ma jilqax l-argumenti tar-rikorrenti u jikkonferma li t-Tribunal ma għandux il-ġurisdizzjoni biex jiddeċiedi dwar dil-kwistjoni tax-xogħol bejn Ms Mizzi u Virtu Ferries Ltd.

Is-soċjetà ma talbitx lit-Tribunal biex jiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra u anki li kieku, kien ikun inutli li t-Tribunal jidħol fil-mertu tagħhom ġaladarba t-Tribunal jidhirlu li ma għandux ġurisdizzjoni fuq il-każ.

B'hekk jintemm dan il-każ.

(Iffirmat)
Joseph Delia
Chairman